MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1355/2004

**Fogg Insurance Agencies Ltd (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Guzeppa Farrugia abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Guzeppa Farrugia (ID 249447M)**

**Vs**

**Carmelo Attard**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm723.80 (seba` mija tlieta u ghoxrin Lira Maltin u tmenin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistku li sehh gewwa Mqabba nhar l-4 ta' Lulju 2003.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta' seba` mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u tmenin centezmu (lm723.80) jirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Guzeppa Farrugia assigurata tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin Lira Maltin u tmanin centezmu (Lm698.80), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantughall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) l-istess Guzeppa Farrugia in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-4 ta' Lulju 2003 ghall-habta ta' 8.25am gewwa Triq Valletta, Mqabba, bejn il-vettura propjeta` ta' l-attrici Guzeppa Farrugia, bin-numru ta' registrazzjoni HAP 969 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni AAG 461, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku d aparti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort ta' Guzeppa Farrugia, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jirrizulta mill-versjonijiet mghotija mis-sewwieqa li, waqt l-attrici waqfet fuq stop biex jigi esplorat it-triq u ma rat lil hadd u prosegwiet, il-konvenut mill-isqaq li hareg minnu ra gejja pero` xorta hareg. It-triq ghall-attrici hija T-Junction. Ghalhekk kellha tieqaf. Ghal konvenut bi trakk kellu jieqaf fil-bokka. Id-daqqiet huma verosimili billi tal-attrici xellug quddiem, tal-konvenut wara xellug. It-tnejn li huma kellhom jaqsmu il-karreggjata minn fejn hargu biex jmorru f'posthom. Lanqas fuq l-*spot of impact* ma hemmx qbil. L-iskizz huwa xi ftit eluziv pero` ir-ritratti a FOL 28 huma lampanti. Id-distanza ta' hrug hija ferm qasira bejniethom. Ma jistax ikun li z-zewg vetturi raw lil xulxin fl-ahhar sekonda tal-kollizjoni.

Jekk it-tnejn waqfu kif minnhom allegat bil-fors raw lil xulxin Trakk mhux vettura zghir u l-attrici harget minn kobor ta' pjazza. It-tnejn kellhom jieqfu u suppost waqfu biex jespoloraw it-triq. Il-post fuq il-vetturi rispettivi fejn habtu jikkombaccjaw mal-fatt li t-tnejn hargu u ippruvaw jevitaw lil xulxin fl-agunija tal-incident. Fic-cirkostanzi, r-responsabilita ghandha tigi spartita 50:50.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat ghan-nofs.

Jiddeciedi billi jiddikjara liz-zewg sewwieqa ugwalment responsabbli u jikkundanna lill konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u wiehed u sittin lira u disghin centezmu (Lm361.90), bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------